MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 1027/1992/1

**Carmen Dalli**

**v.**

**George Parnis**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Settembru, 1992 l-attrici ppremettiet illi l-konvenut ghamel xoghlijiet ta' kostruzzjoni fil-fond tieghu liema fond min-naha ta' wara tieghu jmiss mal-proprjeta`

taghha; illi fil-kors ta' dawn ix-xoghlijiet, il-konvenut qabad u fetah bieb fil-hajt divizorju kif ukoll tefa' hafna radam u imbarazz iehor fil-proprjeta` tal-attrici; illi minhabba dan l-agir, illegali u abbuziv, il-konvenut gie interpellat sabiex jerga' jaghlaq dan il-bieb, kif ukoll jiehu dawk il-passi kollha mehtiega sabiex inaddaf il-proprjeta` tal-attrici pero` baqa' inadempjenti;

Dan premess l-attrici talbet li dik il-Qorti:-

“1). Tordna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju jerga' jqieghed il-hajt divizorju fl-istat li kien qabel u cioe`, jerga' jaghlaq il-bieb li huwa fetah, u kif ukoll inaddaf il-proprjeta` tal-attrici mir-radam u imbarazz li huwa tefa' f'din il-proprjeta`, u fin-nuqqas tawtorizza lill-attrici sabiex taghmel dawn ix-xoghlijiet a karigu tal-konvenut;

“Bl-ispejjes kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni;”

B'nota pprezentata fit-30 ta' Novembru 1992 il-konvenut eccepixxa:-

“1. Preliminarjament in-nuqqas ta' interess guridiku u legali tal-attrici stante li hija la hija proprjetarja u lanqas ma ghandha l-pussess jew detenzjoni tal-art in kwistjoni wara l-fond tal-konvenut;

“2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, izda wkoll in linea preliminari, jekk l-attrici qed tavanza l-pretensjonijiet taghha a bazi ta' spoll, id-dekadenza tat-terminu stabbilit mil-ligi;

“3. Illi subordinaament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, it-talbiet attrici huma infondati fil-ftt u fid-dritt;”

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Dicembru 1992 (fol. 10) minn fejn jirrizulta li l-attrici ddikjarat li l-azzjoni taghha hi “wahda ta' manutenzjoni u spoll mhux privileggjat”;

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta’ Lulju 2001 (fol. 250) minn fejn jirrizulta li l-attrici ddikjarat li l-prezenti hi “kawza ta’ spoll privileggjat”;

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza moghtija fid-29 ta’ Ottubru, 2007 bil-mod segwenti:

“Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa’ t-talbiet attrici u tordna lill-konvenut sabiex fi zmien xahar mil-lum jerga’ jqieghed il-hajt divizorju fl-istat li kien qabel u cioe`, jaghlaq il-bieb li huwa fetah, u kif ukoll inaddaf il-proprjeta` posseduta mill-attrici mir-radam u imbarazz li huwa tefa' f'din il-proprjeta` u dan taht is-sorveljanza tal-Perit Arkitett Godwin Abela li qed jigi nominat ghal dan l-iskop. F’kaz li l-konvenut jonqos li jghamel dawn ix-xoghlijiet fiz-zmien lilu mghoti, l-attrici hi awtorizzata taghmel hi dawn ix-xoghlijiet a sepejjez tal-konvenut u dan dejjem taht is-sorveljanza tal-imsemmi Perit Arkitett Godwin Abela;

“Bl-ispejjes kontra l-konvenut. “

U dan wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Fic-citazzjoni l-attrici tippremetti li l-konvenut ghamel xoghlijiet ta' kostruzzjoni fil-fond tieghu liema fond imiss mal-proprjeta` taghha. Tippremetti wkoll li l-konvenut fetah bieb fil-hajt divizorju u tefa' hafna radam u imbarazz iehor fil-proprjeta` taghha. Ghalhekk l-attrici qed titlob li l-konvenut jigi kundannat jerga’ jqieghed il-hajt divizorju fl-istat li kien qabel u cioe`, jaghlaq il-bieb li huwa fetah, u kif ukoll inaddaf il-proprjeta` tal-attrici mir-radam u imbarazz li huwa tefa' f'din il-proprjeta`;

“Da parti tieghu l-konvenut qed jeccepixxi, preliminarjament, in-nuqqas ta' interess guridiku u legali tal-attrici stante li hija la hija proprjetarja u lanqas ma ghandha l-pussess jew detenzjoni tal-art in kwistjoni li tigi wara l-fond tieghu. Jeccepixxi wkoll li jekk l-attrici qed tavanza l-pretensjonijiet taghha a bazi ta' spoll, id-

dekadenza tat-terminu stabbilit mil-ligi. Finalment jeccepixxi li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

“F’dawn il-proceduri gie nominat bhala perit tekniku l-AIC Rene` Buttigieg, li pprezenta ir-rappoprt tieghu kif ukoll ipprezenta rapport addizzjonali. Bid-digriet tat-12 ta’ Marzu 1993 il-Perit Tekniku nghata inkarigu specifiku u cioe` huwa kellu jiddetermina sa fejn l-attrici kella pussess tal-art in kwistjoni;

“Fir-relazzjoni tieghu l-istess Perit Tekniku rrileva li fil-kors tal-inkarigu, l-istess inkarigu gie estiz, u ghalhekk huwa kkunsidra it-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tal-konvenut. F’din ir-relazzjoni l-Perit Tekniku kkonstata li l-konvenut ghamel xi xoghlijiet fil-fond tieghu numru l75, Birkirkara Road, San Giljan, inkluz il-ftuh ta' bieb fil-hajt divizorju ta' wara, li jissepara l-proprjeta` tieghu mal-art retroposta, li l-attrici tirritjeni li tappartjeni lilha;

“Il-Perit Tekniku kkonsidra wkoll li l-art, li fuqha l-attrici tippretendi proprjeta` tasal sal-hajt ta' wara tal-fond tal-konvenut mentri l-pretensjoni tal-konvenut illi l-art wara l-hajt divizorju tieghu tappartjeni lilu hija infondata u bla bazi. Il-Perit Tekniku rrileva illi l-materjal, li l-attrici tallega, tqieghed mill-konvenut, jikkonsisti fi cnagen u bicciet tal-gebel. Il-Perit Tekniku kkonkluda li l-art retroposta ghal-hajt ta' wara tal-fond tal-konvenut li fih infetah l-bieb, ma tiffurmax parti mill-proprjeta` tal-konvenut izda tifforma parti mill-art li l-attrici tippretendi li hi taghha;

“Kif jirrizulta mill-imsemmi verbal tas-seduta tat-13 ta’ Gunju 1996 l-atti gew rimessi lill-imsemmi perit tekniku sabiex izomm seduti li fihom il-konvenut kellu jipproduci provi u sussegwentement il-Perit Tekniku kellu jirrelata ulterjorment jekk in vista tal-provi prodotti ghandux ibiddel xi kostatazzjonijiet jew konkluzjonijiet kontenuti fir-rapport tieghu;

“Fir-relazzjoni ulterjuri tieghu l-Perit Tekniku kkonkluda billi kkonferma il-konkluzjoni li wasal ghaliha fir-relazzjoni tieghu u cioe` li l-art retroposta ghal-hajt ta' wara tal-fond tal-konvenut, li fih infetah il-bieb, ma tiffurmax parti mill-

proprjeta` tal-konvenut. Il-Perit Tekniku inoltre rrileva li, f'dan l-istadju, huwa ma jistax jikkonkludi jekk l-art *de quo* tiffurmax parti mill-art li l-attrici tippretendi li hi taghha u in effett din il-kwistjoni hi l-meritu ta' kawza bejn l-attrici u terzi. Hu fatt, pero`, li l-access ghal-din l-art hu minn sqaq, fejn hemm *fence* bil-bieb bil-katnazz li l-attrici tikkontendi li hu accessibbli biss ghaliha. Il-fatt li l-attrici ghandha access minn dan il-bieb gie konfermat mill-istess Perit Teniku meta l-attrici fethet dan il-bieb b'cavetta li kellha. Il-Perit Tekniku inoltre kkonkluda li, indipendentement mill-aspetti ta' natura legali li huma estranei ghall-inkarigu tieghu, li l-konvenut ma kellux dritt jiftah il-bieb fil-hajt divizorju ma proprjeta` ta' terzi, galadarba ma giex minnu ppruvat li dan sar bil-permess tat-terzi, proprjetarji u detenturi tal-art retrostanti l-proprjeta` tal-istess konvenut;

"L-attrici mhux zgura dwar in-natura tal-azzjoni hi qed tipproponi bil-prezenti proceduri. Difatti fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 1992 l-attrici ddikjarat li din l-azzjoni taghha hi wahda ta' manutenzjoni u spoll mhux privileggjat. Sussegwentement, fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2001, l-istess attrici ddikjarat li l-prezenti hi kawza ta' spoll privileggjat. Dawn huma zewg azzjonijiet differenti u huma ttrattati fil-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) f'artikoli separati;

"Artikolu 535(1) tal-Kodici Civili jittratta dwar l-azzjoni hekk maghrufa ta' spoll privileggjat. Dan l-artikolu jipprovdi, fost affarijiet ohra, li jekk persuna tigi, bil-vjolenza jew bil-mohbi, molestata fil-pussess jew detenzjoni tagha ta' immobli, hi ghandha d-dritt li, fi zmien xaharejn mill-ispoll, titlob li tigi reintegrata f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni. L-istess artikolu jipprovdi li l-pussess rikjest jista jkun tal-inqas grad u l-azzjoni trid issir kontra l-awtur tal-ispoll;

"Gie diversi drabi ritenut li huma t-termini tal-premessi tac-citazzjoni u t-talbiet li jiddeterminaw in-natura tal-azzjoni. F'dan il-kaz fil-premessi ma hemm ebda allegazzjoni li l-att spoljattiv in kwistjoni sar bil-vjolenza jew bil-mohbi. Barra minnhekk jirrizulta mill-provi (u dan mhux kontestat li l-bieb mertu tal-ispoll infetah f'Novembru 1991 filwaqt li

c-citazzjoni gietipprezentata fil-15 ta’ Settembru 1992 u cioe` ghaxar xhur wara li sar l-ispoll. Ghaldaqstant jidher li, jekk si tratta ta’ azzjoni ta’ spoll privileggjat, l-azzjoni prezenti tal-attrici hi nieqsa minn element essenzjali u cioe` li l-azzjoni trid issir fi zmien xharejn mill-att spoljattiv;

“Mill-premessi tac-citazzjoni u mit-talbiet attrici jidher li, in effett, din hi azzjoni ta’ manutenzjoni u spoll mhux privileggjat, kif del resto iddikjarat fl-ewwel lok l-attrici u dan fil-kors tas-seduta tat-3 ta’ Dicembru 1992. Din l-azzjoni hi trattata fil-Kodici Civili fl-Artikolu 534 li jipprovdi testwalment li – “Kull minn, waqt li jinsab fil-pussess, ta’ liema xorta jkun, ta’ haga immobbli, jew ta’ universalita` ta’ hwejjeg mobbli, jigi molestat f’dak il-pussess, jista’, fi zmien sena mill-molestja, jitlob li jinzamm f’dak il-pussess, basta li ma jkunx ha b’idejh dak il-pussess minghand il-konvenut bi vjolenza jew bil-mohbi jew ma jkunx kiseb minn ghandu dak il-pussess b’titolu prekarju.”;

“Il-Qorti ezaminat bir-reqqa u funditus r-relazzjonijiet tal-abbli Perit Tekniku. Il-Qorti taqbel mal-kostatazzjonijiet kollha li ghamel, kif ukoll mal-konkluzjonijiet li wasal ghalihom, l-istess Perit Tekniku. Ghalhekk dawn il-kostatazzjonijiet kif ukoll konkluzjonijiet qed jigu adottati u l-Qorti tghamilhom taghha;

“Mill-imsemmija relazzjonijiet jirrizulta li in effett il-konvenut, waqt li kien qed jghamel xi xoghlijiet fil-fond tieghu numru l75, Birkirkara Road, San Giljan, fetah bieb fil-hajt divizorju ta' wara, li jissepara l-proprjeta` tieghu mal-art retroposta, li l-attrici tirritjeni li tappartjeni lilha. Jirrizulta wkoll li l-konvenut tefa’ materjal konsistenti fi cnagen u bicciet tal-gebel fl-istess art tal-attrici u li l-art retroposta ghal-hajt ta' wara tal-fond tal-konvenut zgur li ma tiffurmax parti mill-proprjeta` tal-konvenut izda tifforma parti mill-art li l-attrici tippretendi li hi taghha. Jirrizulta wkoll li l-attrici hi fil-pussess tal-art li hi tippretendi li hi taghha billi hi biss kellha access ghal din l-art;

“In vista ta’ dawn ir-rizultanzi jirrizultaw l-elementi kollha li trid il-ligi ai termini tal-imsemmi Artikolu 534 tal-Kodici Civili. In effett jirrizulta li l-attrici ghandha l-pussess effettiv

tal-art in kwistjoni. Jirrizulta wkoll li l-attrici giet molestata f’dan il-pussess mill-konvenut li fetah bieb fil-hajt divizorju bejn il-proprjeta` tieghu u l-art posseduta mill-attrici. Inoltre l-konvenut tefa’ cnagen u gebel fl-istess art fil-pussess tal-attrici. Jirrizulta wkoll li din l-azzjoni saret fi zmien sena mill-att spoljattiv. Bl-ebda mod ma jirrizulta li l-attrici hadet il-pussess b’idejha minghand il-konvenut u dan bi vjolenza jew bil-mohbi;
“F’dan l-istadju ghandu jigi rilevat li l-kwistjoni rigwardanti l-proprjeta` tal-art in kwestjoni, u li zgur tinsab fil-pussess tal-attrici, hi ghal kollox irrilevanti ghal finijiet ta’ dawn il-proceduri;

“Fid-dawl ta’ dan kollu l-eccezzjonijiet tal-konvenut ghandhom jigu rigettati, filwaqt li t-talbiet attrici, li jirrizultaw sufficjentement pruvati, jimmeritaw li jigu akkolti;”

**L-appell tal-konvenut.**

Il-konvenut hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b’rikors intavolat fil-15 ta’ Novembru, 2007 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka l-imsemmija sentenza billi tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut u konsegwentement tichad it-talbiet attrici, u dan taht kull provvediment li din il-Qorti jidrilha opportun, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici appellata.

Il-kontro-parti pprezentat risposta ghall-appell tal-konvenut fejn, filwaqt li stqarret li s-sentenza hija wahda gusta u timmerita konferma, talbet li, anke ghar-ragunijiet hemm moghtija, l-appell jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut.

**Ikkunsidrat:**

L-attrici istitwit dawn il-proceduri billi ddikjarat li l-konvenut kien ghamel xoghlijiet ta’ kostruzzjoni fil-fond tieghu liema fond min-naha ta’ wara jmiss mal-proprjeta` taghha. Dawn ix-xoghlijiet kienu jikkonsistu filli l-konvenut fetah bieb fil-hajt divizorju kif ukoll tefa’ hafna radam u imbarazz fil-

proprjeta` taghha. Kien ghalhekk li l-attrici talbet li l-konvenut jerga', fi zmien qasir u perentorju, iqieghed il-hajt divizorju fl-istat li kien qabel kif ukoll inaddaf il-proprjeta` taghha mir-radam u imbarazz li tefa', u fin-nuqqas biex hi tigi awtorizzata taghmel dan a spejjez tal-konvenut.

Il-konvenut kien eccepixxa l-karenza tal-interess guridiku da parti tal-attrici stante li din ma kienitx proprjetarja u lanqas ma kellha l-pussess tal-art in kwistjoni; eccepixxa wkoll li, f'kaz li l-azzjoni attrici kienet dik ta' spoll privileggjat, din l-azzjoni kienet perenta bid-dekors tat-terminu stabbilit fil-ligi ghall-istituzzjoni taghha. Finalment eccepixxa li t-talbiet kienu infondati fil-fatt u fid-dritt.

Minhabba t-tieni eccezzjoni tal-konvenut fl-ewwel udjenza u cioe` dik tat-3 ta' Dicembru, 1992 l-attrici ddikjarat li l-azzjoni kienet wahda ta' manutenzjoni u <u>spoll mhux privileggjat</u>. Wara din id-dikjarazzjoni bdew jinstemghu l-provi u sussegwentement gie wkoll mahtur espert tekniku fil-persuna tal-kompjant l-AIC Rene` Buttigieg biex "*jaccedi fuq il-post u jiddikjara sa fejn jirrizultalu l-attrici kellha pussess tal-art in kwistjoni.*" Dan il-perit espleta l-inkarigu tieghu b'ezitu favorevoli ghall-attrici meta fir-rapport tieghu pprezentat fit-23 ta' Awwissu 1995 (ara fol. 41) ikkonkluda hekk: "*In vista tas-suespost l-esponent huwa tal-opinjoni illi l-art retroposta ghal hajt ta' wara tal-fond tal-konvenut li fih infetah il-bieb, ma tifformax parti mill-proprjeta` tal-konvenut izda tifforma parti mill-art li l-attrici tippretendi li hi taghha.*" Sussegwentement, u cioe` fit-13 ta' Gunju, 1996 (fol. 93) fuq talba tad-difensur tal-konvenut, l-ewwel Qorti regghet irrimettiet l-atti lill-istess perit tekniku biex wara li jisma' x-xhieda msemmija mill-konvenut, jiddikjara jekk ghandux ibiddel "*xi konstatazzjonijiet jew konkluzjonijiet kontenuti fir-relazzjoni tieghu.*" Fir-rapport addizzjonali tieghu pprezentat fil-31 ta' Ottubru, 2000 (fol. 150) l-istess espert tekniku kkonferma dak li kien ikkonkluda fl-ewwel rapport.

Gara li f'udjenza sussegwenti u cioe` dik tad-9 ta' Lulju, 2001 Dr. Keith Bonnici, ghall-attrici ddikjara li "*l-prezenti hi kawza ta' spoll privileggjat.*" Fis-seduta sussegwenti id-

difensuri tal-partijiet ittrattaw il-kawza u ddikjaraw li l-kawza tista' tibqa' differita ghas-senteza. Wara dan il-verbal kien hemm hdax-il differiment sat-30 ta' Gunju, 2006, fejn ma sar xejn u l-kawza dejjem giet differita ghall-iskop tal-verbal precedenti u cioe` ghas-sentenza.

Fid-9 ta' April, 2007 il-konvenut ipprezenta rikors fejn talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza billi sostna li kienet inghatat sentenza "*fejn tat dawl dwar il-fatti allegati mill-attrici, li hija proprjetarja tal-art in kwistjoni, u li ghalhekk tali sentenza, meta tkun definittiva, tista` taffettwa jew tinfluwixxi t-talbiet attrici u dan peress li tirrigwarda l-proprjeta` o meno ta' l-attrici odjerna.*" Fil-fatt ir-rikors hu ftit monk, fis-sens illi l-kelma "sospensjoni" qabel "tal-prolazzjoni" hi nieqsa, imma certament dan kien li effettivament intalab, tant li huwa kompla jitlob li jinghata l-fakolta` "*li jittratta dan il-punt f'seduta jew jinghata li fakolta` li jaghmel nota ta' sottomissjonijiet, dwar, fost ohrajn, kull sentenza gdida, dwar l-art in kwistjoni.*"

B'sorpriza (u qed jinghad hekk billi l-Artikolu 534 li jitkellem dwar l-*actio manutensionis* ma jirrikjedix li l-parti interessata jkollha *"il-proprjeta`"* tal-art soggetta ghall-molestja izda biss l-pussess *"ta' liema xorta jkun"*), l-ewwel Qorti, b'digriet tat-13 ta' April, 2007, laqghat it-talba tal-konvenut u ddifferiet il-kawza ghat-trattazzjoni finali ghas-seduta tas-7 ta' Mejju, 2007. F'dik l-udjenza u dik ta' warajha cioe` tal-25 ta' Gunju, 2007, ma sar xejn minhabba indisposizzjoni tal-Imhallef sedenti. Izda b'sorpriza akbar, in vista tad-digriet tat-13 ta' April, 2007, fl-udjenza tad-29 ta' Ottubru, 2007, il-kawza giet deciza wara li gie verbalizzat li ma deher hadd.

Is-sentenza msemmija laqghat it-talbiet attrici wara li, fil-konsiderazzjonijiet taghha, waslet ghall-konkluzjoni li l-azzjoni intentata mill-attrici kienet dik ta' *manutensionis* u mhux ta' *spoll privileggjat*.

L-appell tal-konvenut jittratta d-diversi aggravji li tressqu fil-konfront tas-sentenza appellata u senjatament il-kwistjoni jekk l-azzjoni kienitx dik li l-ewwel Qorti rriteniet li kienet billi l-konvenut qed isostni li d-dikjarazzjoni

maghmula mid-difensur tal-attrici fl-udjenza tad-9 ta’ Lulju, 2001 (fol. 250) kienet torbot lill-istess attrici u li galadarba l-azzjoni kienet wahda ta’ spoll privileggjat, l-azzjoni kienet perenta minhabba d-dekors taz-zmien utili.

F’dan l-istadju din il-Qorti ma thossx li ghandha tezamina l-aggravji mressqa mill-konvenut fir-rigward tan-natura tal-azzjoni u dan billi jrid jigi determinat jekk l-ewwel Qorti kienitx proceduralment korretta meta ddecidiet il-kawza wara li kienet issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza ghar-ragunijiet fuq moghtija. Dan l-ilment gie sollevat mill-appellant bhala parti mill-ewwel aggravju tieghu – ara, infatti, il-paragrafu tan-nofs f’pagna 5 tar-rikors ta’ appell tal-konvenut li jispicca hekk: “Ghalhekk dan kien ifisser li l-kawza ghaddiet ghas-sentenza minghajr ma l-partijiet kellhom l-opportunita` li jitrattaw il-kaz taghhom. Dan kollu jikkombacja ma’ dak li ntqal precedentement fis-sens li sal-ahhar seduta l-appellant ma kienx jaf li l-azzjoni minn wahda ta’ spoll giet imdawwra ghal wahda ta’ manutenzjoni.”

Meta l-proceduri jigu indirizzati f’certu mod, kif gara bid-digriet tat-13 ta’ April, 2007, mhux korretta Qorti, minghajr ma tipprovdi *contrario imperio* - setgha li dejjem ghandha jekk jirrizultalha li l-parti li tkun talbet is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, tkun naqset b’xi mod jew iehor - li tissorprendi lill-parti interessata billi tghaddi ghas-sentenza minghajr ma tkun saret it-trattazzjoni ulterjuri li dik il-parti tkun inghatat il-fakolta` li taghmel. Huwa ghalhekk xieraq li, f’dan l-istadju, is-sentenza tigi revokata u l-atti jigu rinvijati lill-ewwel Qorti sabiex, wara li tisma’ dak li ghandhom xi jghidu l-partijiet fil-kuntest tar-rikors tad-9 ta’ April, 2007 u d-digriet sussegwenti, tipprocedi biex tiddecidi l-kawza.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija, l-appell tal-konvenut qed jigi milquh limitatament ghar-raguni hawn fuq imsemmi, u konsegwentement din il-Qorti qed thassar u tannulla s-sentenza appellata u tirrinvija l-atti lill-ewwel Qorti sabiex, wara li, jekk ikun il-kaz in vista ta’ dak li nghad hawn fuq, tisma’ lid-difensuri tal-kontendenti konformement ma’ dak

li hemm kontenut fir-rikors tal-konvenut tad-9 ta' April, 2007, tghaddi biex tiddeciedi l-kawza fuq il-provi rizultanti.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jigu sopportati ugwalment miz-zewg kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------